MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 707/2002

**Compunet Limited**

**vs**

**P.C. Technologies Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-Qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija, u sitta u erbghin Lira Maltin u disgha u sittin centezmu, (LM2,646.69,0), rapprezentanti bilanc mill-prezz ta' apparat elettroniku**

**mibjugh lilha f'diversi okkazzjonijiet, fuq ordni u inkarigu taghha, u konsenjati lilha mis-socjeta' attrici;**

**2. Bl-imghax legali mis-7 ta' Frar, tas-sena 2002 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Ottubru tas-sena 2002, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult, kontra s-socjeta' attrici, minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha, il-ghaliex is-somma mitluba mhiex kollha dovuta;**

**2. Illi fil-fatt is-socjeta' eccipjenti tammetti illi hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' LM629.69,0 biss, u m'ghandha taghtiha xejn aktar, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi xoghol ta' l-intrapriza attrici jikkonsisti fl-importazzjoni ta' "*computers*" u apparat antigwu biex sussegwentement jinbiegh fis-suq lokali;**

**2. Illi s-socjeta' konvenuta kienet effettivament avvicinat lil dik attrici biex tibda tixtri l-bzonnijiet ta' "*computers"* minghandha biex sussegwentement tbieghu lill-konsumaturi minn hanut li ghandha l-Fgura;**

**3. Illi r-rapprezentanti tas-socjetajiet involuti li nnegozjaw din ir-relazzjoni kummercjali jirrizultaw li huma s-segwenti:**

**a. Brian Zarb Adami u Andrew Debattista ghas-socjeta' attrici;**

**b. Angelic Mifsud ghas-socjeta' konvenuta;**

**4. Illi jirrizulta li l-protagonisti kollha indikati fil-paragrafu precedenti kienu kollha regolarment awtorizzati li jespletaw dan l-inkarigu mis-socjetajiet rispettivi taghhom;**

**5. Illi s-socjeta' attrici ssostni li s-socjeta' konvenuta inizjalment akkumulat l-ammont ta' tlett elef, hames mija u tmienja u sittin Lira Maltin, (LM3,568.00,0), f'dejn maghha;**

**6. Illi l-istess socjeta' issostni wkoll li s-socjeta' konvenuta effettwat xi pagament in parte in**

**sodisfazzjoni ta' dan id-dejn akkumulat u prezentement qieghda fi stat li fadlilha tirrimborza elfejn sitt mija u sitta u erbghin Lira Maltin u disgha u sittin centezmu, (LM2,646.69,0), skond kif konfortat mid-dokumenti li l-istess socjeta' attrici ipprezentat in sostenn tat-talba taghha;**

**7. Illi jirrizulta li r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici kienu effettwaw diversi tentattivi biex jikkomunikaw mar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta fuq indikata biex dan jeffettwa l-pagamenti dovuti f'isem is-socjeta' li kien qed jirrapprezenta;**

**8. Illi jirrizulta li ghalkemm dan ir-rapprezentant dejjem ta raguni lill-interlokuturi tieghu hu kien jinfurmahom ukoll li ghal diversi ragunijiet ma kienx qieghed f'posizzjoni jeffettwa l-pagamenti dovuti ghalkemm kien ukoll jenfasizza "*li kien ser jirranga*", (ara fol 11);**

**9. Illi jirrizulta wkoll li l-imsemmi rapprezentant tas-socjeta' konvenuta hallas lil dik attrici permezz ta' hames (5) cekkijiet, komplessivament ammontanti ghal tlett elef, mija u sitta u hamsin Lira Maltin u tletin centezmu (LM3,156.30,0), ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata;**

**10. Illi pero' jirrizulta li meta r-rapprezentant tas-socjeta' attrici mar isarraf dawn ic-cekkijiet il-bank irrifjuta dan ghaliex ma kienx hemm fondi biex isiru l-pagamenti dovuti, (ara fol 11);**

**11. Illi s-socjeta' attrici ghalhekk kienet kostretta tkompli tigri wara flusha u dik konvenuta, tramite r-rapprezentant taghha fuq indikat, effettwat xi pagamenti;**

**12. Illi ghaldaqstant is-socjeta' attrici mhux biss inizjat din il-procedura izda tichad l-allegazzjoni ta' dik konvenuta kif minnha vantata fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-versjoni tas-socjeta' konvenuta tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

**1. Illi huwa minnha ammess li effettivament "*ghandha taghti lis-socjeta' attrici*" ghalkemm ma taqbilx fuq il-qwantum minnha dovut;**

**2. Illi ssostni wkoll li qatt ma rceviet analizi dettaljat ta' l-ammont minnha dovut kif allegat mis-socjeta' attrici;**

**3. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta isostni wkoll li s-socjeta' tieghu dejjem kienet thallas, (ara fol 24);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi jirrizulta ghalhekk is-segwenti:**

**1. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta jiddeponi b'mod kontradittorju meta jsostni kemm li s-socjeta' tieghu effettivament**

**ghandha taghti xi pagamenti lil dik attrici, kif ukoll li s-socjeta' tieghu dejjem hallset l-ammonti minnha dovuti;**

**2. Illi jirrizulta nefast ukoll l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta li qatt ma rceviet l-analisi dettaljat ta' l-ammonti minnha dovuti stante li mhux biss jirrizulta li dan mhux minnhu izda li addirittura kien hemm ukoll diversi okkazzjonijiet fejn l-istess rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien ikkontattjat personalment u kull darba kien jammetti l-ammont dovut u jeffettwa xi tip ta' pagament, ghalkemm dawk li saru permezz ta' cekkijiet jirrazentaw l-azzjoni kriminali;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta takkolji dawk tas-socjeta' attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenut P.C. Technologies Limited thallas lis-socjeta' attrici Compunet Limited l-ammont ta' elfejn sitt mija u sitta u erbghin Lira Maltin u disgha u sittin centezmu (LM2,646.69,0), kif mitlub fl-avviz promotur, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mis-7 ta' Frar tas-sena 2002.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------